Art.172 L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 22 t'Awwissu, 2003

**Dritt jew permess?**

Il-haddiema tal-pajjizi ta' l-Unjoni Ewropea wara l-2004 ghandhom ghaxar snin jistennew biex jinghataw dritt jibdew jahdmu f'pajjizna. Dak kien is-serhan il-mohh li kien wiehed mill-argumenti qawwija li setghu taw vantagg lil ta' l-"IVA" fuq tal-"LE" fl-elezzjonijiet generali ta' April li ghaddew. Izda, kif dejjem ghedt, dak li jidher, lanqas jekk ikun miktub, ghandek tiehdu – kif jghidu l-Inglizi – *"with a pinch of salt"*.

Minn April 'l hawn b'interess segwejt mhux biss dak li jintqal fil-gazzetti, izda wkoll dak kollu li qed jigri madwari halli nkun naf ezatt x'kien miftiehem fi Brussels minn Gvern Nazzjonalista permezz ta' l-evidenza li ghandi fil-hajja ta' kuljum. Inhares b'xetticizmu kbir lejn il-mentalità Nazzjonalista li dehret kemm-il darba, bi prova, li l-aqwa li jirnexxilhom jikkonvincu lill-elettorat (jew jidhku bih) u l-aqwa li l-affarijiet jibqghu misturin sa lejliet l-elezzjoni halli mbaghad tohrog il-verità! Din hija l-politika Nazzjonalista u hadd m'hu se jbiddilha.

Kieku l-Partit Nazzjonalista kien xi hadd li se jiret hafna flus kien jghin u jzieghel b'min se jiret sa l-ahhar sekonda tat-testmenti, u joqghod jidhak bih f'wiccu li rnexxielu jaqa' ghan-nasba! Hekk jaghmel kontinwament il-Gvern Nazzjonalista bl-elettorat ingenerali u bi kwalunkwe ghaqda jew entità ohra – anke partiti politici ohrajn – sabiex jirbah l-elezzjonijiet. Id-differenza tvarja biss fir-reazzjoni ta' l-ahhar – gieli flok jidhak iktar b'dak li jkun il-Gvern Nazzjonalista, b'rispett, jibda jigdeb u jivvinta halli dak li jkun ghall-inqas jibqa' tradut u jkun jista' jghix hieni xorta. Però billi tkun tghix hieni ma' Gvern Nazzjonalista ma jfissirx li ma ttradiekx – izda li ma tafx li nqeda bik! M'ghandniex xi nghidu, iktar kemm taqdih iktar tkun mazzun!

Izda ghalxiex qed insostni dan kollu? Ghax mill-evidenza li nigbor fil-hajja ta' kuljum qed ninduna li anke fl-istorja tal-barranin jahdmu Malta – ghalkemm fuq il-ftehim jista' jidher li l-Maltin se jkunu protetti b'mod ufficjali minn influss ta' haddiema barranin, il-Gvern Malti – nimmagina bid-dahka – ftiehem verbalment ma' Brussels li ghalkemm fit-trattat ta' shubja se jkun hemm miktub li cittadini ta' pajjzi membri ta' l-Unjoni Ewropea mhux se jkollhom dritt jahdmu hawn Malta xorta wahda l-generuz Gvern jista' jaghti lil shabna l-barranin il-permess li jahdmu Malta. U dik hi l-loghba kollha!

U fil-fatt, jekk inhares madwari, nista' nara li Malta qieghda taddatta ruhha b'mod allarmanti ghas-sistema Ewropea fejn hafna mic-cittadini tal-pajjiz proprju – fil-kaz taghna l-Maltin – jispiccaw jghixu bic-cejca li jaghtihom il-Gvern u jirregistraw – u lanqas ma naghtihom tort sa barra – ghaliiex? Ghax il-kundizzjonijiet tax-xoghol jew il-pagi li qeghdin jigu offruti minn min ihaddem, tant qeghdin ikunu banali, li l-ebda Malti mhu se jaccetta jahdem bihom. Allura, hafna Maltin digà spiccaw jirragunaw li ahjar jghixu b'dak li jaghtihom il-Gvern milli jahdmu l-gimgha u jaqilghu ftit aktar minn hekk!

Tahsbux li min ihaddem dan ma jridux jigri! Ghax jidher ovvju li min ihaddem digà gholla rasu, u jaf li jekk ma jsibx Maltin, ghandu par dirghajn u par riglejn gejjin specjalemnt mil-Lvant ta' l-Ewropa, li jifilhu daqs tal-Maltin u li lesti jaccettaw jahdmu l-istess xoghol b'ferm inqas pagi. Il-kuntrattur jew negozjant xorta jaqbillu. Anzi, ghaddieli minn ghala widnejja li hemm okkazjonijiet fejn *employers* Maltin jaghmlu sejha ghal applikazzjonijiet fittizzji, joqghodu jaqilghu nofs il-popolazzjoni ta' dawk li qeghdin ifittxu xoghol. Maltin japplikaw bit-tama li jsibu xoghol u jkollhom digà f'mohhhom li jqabbdu l-barranin!

Sistema bhal din – jigifieri li l-Gvern iqassam il-permessi tax-xoghol lill-barranin daqslikieku qed iqassam il-pastizzi tal-hamsa xelin – tista' tghin biss lil min ihaddem – tkompli tirrovina l-finanzi tal-Gvern – taghti x-xoghol lill-barranin – tfaqqar lill-Maltin – tkabbar il-kriminalità fost il-Maltin u... imbaghad naraw fejn naslu – it-triq ghan-nizla digà qbadniha!

U jiena f'dan l-istadju nghid: "Mela dak li kien il-verament ftiehem il-Gvern Malti fi Brussels!" Ma naghtuhomx dritt jahdmu, naghtuhom permess!

Kostitwent xtaq jistaqsi lill-Gvern jekk hux veru li d-Dipartiment tad-Drenagg se jinghaqad mad-Dipartiment ta' l-Ilma, u dan, ghax nefaq il-finanzi kollha li kienu vvotati ghalih mhux biss ta' din is-sena, izda wkoll ta' snin ohra bil-quddiem? Veru li se ssir manuvra biex tghaddi d-dejn tad-Dipartimenti tal-Gvern? Iz-zmien jaghtina parir!

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*